

**Peer
Parliaments**

Make
yourself
heard



**EUROPEAN
CLIMATE
PACT**

#MyWorldOurPlanet
#EUClimatePact

Kif immorru minn post għal ieħor.

Materjali ta' tagħlim għall-modulu 1

Dan id-dokument ma jistax jitqies li jikkostitwixxi pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Jekk jogħġbok innota li l-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument tista' tkun skaduta, peress li inizjalment kienet maħluqa fl-2022.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

© L-Unjoni Ewropea, 2024



Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39), ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2011/833/oj>. Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (<https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/>). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

Kif immorru minn post għal ieħor: vjaġġi qosra



Mistoqsija 1

Fir-rigward ta' vjaġġi qosra – kemm jekk se tagħmel qabża sal-ħwienet, tiltaqa' ma' xi ħabib jew tiġbor lil uliedek mill-iskola – xi jħeġġek tuża inqas il-karozza tiegħek li taħdem bil-petrol jew bid-diżil? X'jistja' jikkonvinċik tuża t-trasport pubbliku jew għażliet oħra favur l-ambjent bħall-mixi, ir-rota jew karozza elettrika? **Agħti ħarsa lejn l-għażliet** t'hawn taħt, tkellem dwarhom mal-grupp tiegħek u **kklassifikahom** skont is-soluzzjonijiet li taħseb li huma l-aħjar.

Punti	Għażla
5 punti	B
4 punti	C
3 punti	A
2 punti	E
1 punt	D

Kampjun tal-vot


- A** Għandi nkun nista' **nuża r-rota mingħajr periklu** fiż-żona lokali tiegħi. Il-mogħdijiet għar-roti għandhom ikunu żviluppatti aħjar u aktar sikuri.
- B** Għandi nkun nista' niddependi **fuq trasport pubbliku irħas u aktar konvenjenti** b'aġġornamenti dwar it-trasport f'ħin reali.
- C** Għandi nkun imħeġġeġ **inħalli l-karozza d-dar**. Il-bliet għandhom joffru inqas postijiet fejn tipparkja u jintroduċu limiti ta' veloċità aktar stretti f'żoni mibnija (30 km/h).
- D** Għandu jkun hemm **aktar stazzjonijiet tal-iċċarġjar** fejn nista' niċċarġja l-vettura elettrika tiegħi, u l-batteriji tal-karozzi elettriċi għandhom jittejjbu biex jagħtu distanzi akbar.
- E** X'**soluzzjonijiet oħra** jiġuk f'moħħok?



Kuntest

Għalkemm il-vjaġġi qosra jsiru l-aktar fil-bliet u l-irħula, ħafna nies li jgħixu f'żoni rurali wkoll jagħmlu vjaġġi qosra regolari. Ħafna nies li jivvjaġġaw madwar il-bliet u l-irħula ma jużawx karozza, iżda minflok jagħżlu li jimxu, jużaw ir-rota jew jużaw trasport pubbliku bħal xarabank, metro jew tramm.


It-trasport huwa responsabbli għal kważi kwart tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Ewropa. Aktar minn 70 % tal-emissjonijiet tat-trasport huma kkawżati mit-trasport bit-triq, bil-karozzi, il-vannijiet żgħir u t-trakkijiet responsabbli għall-akbar parti. Il-karozzi huma responsabbli għal madwar 12 % tal-emissjonijiet totali tas-CO₂ tal-UE, u dik iċ-ċifra qed tiżdied. It-trasport huwa wkoll il-kawża ewlenija tat-tniġġis tal-arja fil-bliet.



Il-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu l-għan li jagħmel lill-Ewropa newtrali għall-klima sal-2050. Dan ifisser li, sa nofs is-seklu, m'għandniex inkunu qed niġġeneraw aktar karbonju milli l-ekosistemi tagħna – il-foresti u l-oċeani – jistgħu jneħħu mill-atmosfera b'mod naturali. **Biex jintlaħaq dan il-għan, l-emissjonijiet tas-CO₂ mit-trasport jeħtieġ li jitnaqqsu b'90 %.** Il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet il-pedament għal kif is-sistema tat-trasport tal-Ewropa tista' ssir aktar intelliġenti u favur il-klima – pereżempju, billi jiġi rdoppjat in-numru ta' ferroviji ta' veloċità għolja u tiġi żviluppata infrastruttura ta' ċiklu addizzjonali matul l-10 snin li ġejjin.



Bil-proposti tal-Patt Ekoloġiku u inizjattivi oħra, l-għan tal-UE huwa li tneġġeg lin-nies inaqqsu l-użu tagħhom ta' karozzi li jaħdmu bil-petrol jew bid-diżil u jaqilbu għal vetturi b'emissjonijiet żero jew b'emissjonijiet baxxi (bħal karozzi elettriċi), jew alternattivi sostenibbli, inkluż it-trasport pubbliku (speċjalment it-trasport b'livell baxx ta' karbonju bħall-ferroviji).




L-aġġornamenti riċenti għall-proposti għal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar il-klima u l-enerġija ('Fit for 55') jinkludu standards aktar stingenti għas-CO₂ għal karozzi ġodda. Se jintroduċu wkoll **skambju ta' emissjonijiet għat-trasport bit-triq mill-2026**, bil-ħsieb li gradwalment jitneħħew il-magni tal-kombustjoni tradizzjonali għall-vetturi ġodda sal-2035. Dan ifisser li fornituri tal-fjuwil iridu jixtru ċertifikati li jippermettulhom jbigħu ċertu ammont ta' fjuwil, u wara jerġgħu jbigħu biċċa minn dawk iċ-ċertifikati jekk jikkonformaw wisq. Dan għandu jnaqqas l-emissjonijiet, itejjeb il-kwalità tal-arja, u jħeġġeġ lis-sewwieqa jikkunsmaw inqas sabiex jiffrankaw il-flus.



Ċikliżmu




Iċ-ċikliżmu huwa mezz ta' trasport kosteffiċjenti, konvenjenti, tajjeb għas-saħħa u li jirrispetta l-ambjent, speċjalment għall-vjaġġi qosra li jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tal-ivvjaġġar.



Ir-roti huma wkoll **effiċjenti ħafna fl-ispazju:** tista' tqiegħed sa 15-il rota fl-ispazju li tiegħu karozza waħda biss. Il-korsiji għar-roti wkoll jeħtieġu inqas spazju minn toroq jew awtostradi. U jekk hemm bżonn inqas spazju, allura tintuża inqas art, u inqas ħamrija u ilma jiġu mniġġsa.


-84%
CO₂

Kull sena, iċ-ċiklisti fl-UE jipprevjenu milli tiġi ġġenerata aktar minn 16-il miljun tunnellata ta' CO₂. Dan huwa ekwivalenti għall-emissjonijiet annwali totali tas-CO₂ għal pajjiż sħiħ id-daqs tal-Kroazja. Iċ-ċikliżmu jnaqqas ukoll it-tniġġis tal-arja u tal-istorbju. Barra minn hekk, **iċ-ċiklisti jġġeneraw 84 % inqas emissjonijiet tas-CO₂ minn dawk li mhumiex ċiklisti:** il-persuna medja li tiddeċiedi li tuża r-rota minflok issuq tnaqqas l-emissjonijiet tagħha bi 3.2 kg ta' CO₂ kuljum tul ħajjitha kollha.



Jekk issuq 10 km bil-karozza għax-xogħol kuljum għal sena waħda tipproduċi 680 kg ta' CO₂. Jekk minflok tmur bir-rota tipproduċi 627 kg inqas. Dan huwa bejn wieħed u ieħor l-istess bħal tliet titjriet bir-ritorn għal passiġġier wieħed minn Frankfurt sa Barċellona.

Is-suċċess tal-korsiji għar-roti huwa ddeterminat mhux biss mid-disinn u s-sikurezza tagħhom, iżda minn fatturi oħra bħall-faċilitajiet tul ir-rotot, kemm huma konnessi sew ir-rotot, u kemm jingħataw pubbliċità u promozzjoni.



Hemm bżonn ferm **inqas riżorsi biex tipproduċi rota** milli hemm bżonn biex tipproduċi karozza. Il-piż medju ta' karozza fl-UE fl-2017 kien kważi 1 400 kg, filwaqt li rota rari tkun tiżen aktar minn 20 kg. Dan huwa biss 1.5 % tal-piż ta' karozza.



Iċ-ċikliżmu jgħin biex iħeġġeġ lin-nies jieħdu forom oħra ta' trasport sostenibbli wkoll. Riċerka min-Netherlands turi li 44 % ta' dawk li jivvjaġġaw bil-ferrovija fin-Netherlands jużaw ir-rota biex mid-dar imorru sal-istazzjon tal-ferrovija. Nies li jivvjaġġaw **b'kombinazzjoni ta' rota u ferrovija** wkoll għandhom it-tendenza li jużawha inqas il-karozza tagħhom.

Kif immorru minn post għall-ieħor: vjaġġi qosra



© L-Unjoni Ewropea

It-trasport pubbliku fil-bliet u l-irħula



It-trasport pubbliku għal vjaġġi qosra jinkludi t-trasport bit-triq, bħal kowċis u karożżi tal-linja, u t-trasport bil-ferrovija, bħall-metro, it-tramm u ferroviji urbani/suburbani. It-trasport pubbliku huwa mod tajjeb biex jitnaqqsu l-konġestjoni u l-emissjonijiet ta' ħsara fiż-żoni urbani, speċjalment meta jaħdem bi fjuwil aktar nadif.

Hemm żewġ għażliet b'żero emissjonijiet għat-trasport bil-karożżi tal-linja: karożżi tal-linja li jaħdmu bil-batteriji (vetturi elettriċi li jaħdmu bil-batterija jew BEVs) u karożżi tal-linja taċ-ċelloli tal-fjuwil tal-idroġenu (vetturi elettriċi taċ-ċelloli tal-fjuwil jew FCEVs).

L-ekoloġizzazzjoni tat-trasport pubbliku urban għadha tibda. Ir-reġjuni u l-bliet li qegħdin minn ta' quddiem diġà bdew jissostitwixxu l-karożżi tal-linja tal-magni tal-kombustjoni b'vetturi mingħajr emissjonijiet.

Jekk in-nies jagħżlux li jużaw it-trasport pubbliku fil-bliet u l-irħula jew le ma jiddependix biss fuq il-prezz, il-konvenjenza, l-aċċessibbiltà u s-sigurtà tiegħu, iżda huwa influwenzat ukoll minn fatturi bħad-daqs tal-belt u kemm huwa faċli timxi madwarha.

Kif immorru minn post għall-ieħor: vjaġġi qosra




Traffiku tal-karozzi



Nistgħu nnaqqsu n-numru ta' karozzi fit-toroq billi nipprovdu alternattivi vijabbli u attraenti, li jvarjaw minn trasport pubbliku tajjeb għal aktar korsiji għar-roti u skemi ta' ċar sharing. L-introduzzjoni ta' ħlasijiet ta' konġestjoni fil-bliet tgħin ukoll biex tiskoraġġixxi lin-nies milli jsuqu.




Qed isir aktar komuni il-**ċar sharing**, u skemi bħal ċar sharing ibbażat fuq stazzjon, bejn il-pari u free-floating qed jgħinu biex dan iseħħ. Fl-2018, aktar minn 6.5 miljun ruħ fl-Ewropa kienu jappartjenu għal skemi ta' ċar sharing.



It-traffiku tal-karozzi huwa sors ewlieni ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE. Biex tindirizza l-problema, il-Kummissjoni Ewropea qed tipproponi li tnaqqas il-medja tal-emissjonijiet tas-CO₂ iġġenerati minn karozzi ġodda b'55 % sal-2030, u b'100 % sal-2035. U mill-2035, il-karozzi ġodda mhu se jiġġeneraw l-ebda emissjoni ta' ħsara, peress li l-magni tal-kombustjoni se jkunu ġew eliminati kompletament.

Il-bliet jistgħu jipprovdu **inqas spazji ta' parkeġġ** fiċ-ċentri tal-bliet biex jinkoraġġixxu lin-nies jagħżlu t-trasport pubbliku. Madankollu, dan jista' jħeġġeġ lin-nies jivvjaġġaw lejn ħwienet fit-tarf tal-belt b'mod aktar frekwenti bil-karozza taġħhom.




Huwa possibbli li l-ivvjaġġar bil-karozza fil-bliet u l-irħula jsir aktar sigur u ekoloġiku mingħajr ma jiżiedu l-ħinijiet tal-ivvjaġġar. Dan jista' jsir billi **jitnaqqsu l-limiti tal-veloċità** minn 50 km/h għal 30 km/h, li għandha l-benefiċċju addizzjonali li tnaqqas b'mod sinifikanti l-probabbiltà ta' mwiet f'inċidenti tat-traffiku. Xi pajjiżi, inklużi l-Belġju, in-Netherlands u Spanja reċentement introduċew dan it-tip ta' leġiżlazzjoni. Fejn ġew introdotti restrizzjonijiet tal-veloċità fuq l-awtostradi, kien hemm tnaqqis pożittiv fl-emissjonijiet tas-CO₂.



Kif immorru minn post għall-ieħor: vjaġġi qosra



Elettromobilità



Hemm diversi tipi ta' karozzi elettriċi. Xi wħud jużaw batterija biex iħaddmu l-magna (vetturi elettriċi li jaħdmu bil-batterija jew BEVs). Xi wħud huma vetturi ibridi li jikkombinaw mutur elettriku ma' magna tal-petrol (vetturi elettriċi ibridi plug-in jew PHEVs). U oħrajn jużaw ċelloli tal-fjuwil tal-idroġenu biex jipproduċu l-elettriku aktar milli sempliċement jiġbdu l-elettriku minn batterija (vetturi elettriċi taċ-ċelloli tal-fjuwil jew FCEVs).



L-interess fil-karozzi elettriċi fl-Ewropa qed jiżdied b'rata mgħaġġla. Fl-2020, il-bejgħ globali ta' dawn il-vetturi żdied bi 43 %, parzjalment minħabba t-tnaqqis fl-ispejjeż tal-batteriji.

Filwaqt li l-pakkett ta' **batterija** f'karozza żgħira kien jiswa madwar €25 000 fl-2010, l-istess pakkett ta' batterija llum jiswa madwar €3 500 tnaqqis fil-prezz ta' 86 %.



L-emissjonijiet tas-CO2 mill-karozzi elettriċi huma bejn wieħed u ieħor tliet darbiet inqas minn dawk mill-karozzi ekwivalenti tal-petrol jew tad-diżil matul il-ħajja tal-vettura. Għalkemm għadhom jintużaw il-fjuwils fossili biex jipproduċu l-batteriji u jiġġeneraw l-elettriku li jiċċarġja l-vettura, din l-enerġija qed tiġi dejjem aktar minn sorsi rinnovabbli bħax-xemx jew ir-riħ. Huwa stmat li, wara inqas minn sentejn ta' sewqan, xi mudelli ta' karozzi elettriċi se jkunu qed jiffrankaw aktar karbonju milli kien meħtieġ biex jiġu mmanifatturati.

Barra minn hekk, il-karozzi elettriċi huma ħafna aktar silenzjużi peress li m'hemm l-ebda magna tal-kombustjoni tradizzjonali, u għalhekk jipproduċu inqas tniġġis tal-istorbju wkoll. Għall-kwalità tal-arja lokali, il-vetturi elettriċi joffru wkoll benefiċċji ċari, prinċipalment minħabba l-emissjonijiet tal-egżost żero fil-livell tat-triq.



Kif immorru minn post għall-ieħor: vjaġġi qosra



Elettromobilità



L-iċċarġjar qed isir aktar veloċi wkoll. Fil-bidu tal-2021, ġiet prodotta l-ewwel batterija li kapaċi tipprovdi biżżejjed enerġija biex tivvjaġġa 320 km b'ċarġ ta' ħames minuti biss. Dan jagħmilha possibbli li tiċċarġja l-karozza elettrika tiegħek bejn wieħed u ieħor fl-istess ħin li tiegħu biex timla tank bil-petrol jew bid-diżil. **Biex jiġi żgurat li s-sewwieqa jkunu jistgħu jiċċarġjaw jew jagħtu fjuwil lill-vetturi tagħhom madwar l-Ewropa, l-UE qed tipproponi regolamenti li jirrikjedu li l-pajjiżi jinstallaw punti tal-iċċarġjar u tal-fjuwil f'intervalli regolari fit-toroq ewlenin: kull 60 km għall-iċċarġjar tal-elettriku u kull 150 km għar-riforniment tal-idroġenu,**



Il-muturi elettriċi wkoll għandhom impatt pożittiv fuq l-ambjent bħala alternattiva għall-karozzi. Tipikament ikunu effiċjenti ħafna, u jikkunsmaw biss madwar 10 % tal-enerġija ta' karozza elettrika zġhira.



Il-prezzijiet ukoll qed jonqsu b'riżultat tal-appoġġ mill-gvernijiet. Ħafna gvernijiet Ewropej żiedu l-iskemi ta' sussidju għal vetturi elettriċi.

Is-sidien tal-vetturi elettriċi jistgħu jibbenefikaw ukoll minn vantaġġi oħra, bħal eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni f'xi pajjiżi u parkeġġ b'xejn f'oħrajn.



Il-medda medja tas-sewqan ta' BEVs ġodda qed tiżdied b'mod kostanti. Fl-2020, il-medda medja għal karozza elettrika ġdida li taħdem bil-batterija kienet ta' madwar 350 km, żieda minn 200 km fl-2015,

Kif immorru minn post għall-ieħor: vjaġġi fuq distanzi twal



Mistoqsija 2

Fejn jidħlu vjaġġi fuq distanzi itwal, xi jħeġġek ittir inqas u minflok tuża l-ferrovija jew ix-xarabank?

Agħti ħarsa lejn l-għażliet t'hawn taħt, tkellem dwarhom mal-grupp tiegħek u **kklassifikahom** skont is-soluzzjonijiet li taħseb li huma l-aħjar.

Punti	Għażla
5 punti	B
4 punti	C
3 punti	A
2 punti	E
1 punt	D

Kampjun tal-vot

- A** Għandi nkun skuraġġut milli nuża **l-ajruplan**. Il-biljetti tal-ajru għandhom ikunu aktar għaljin, ħaġa li mhux biss tgħin tikkumpensa għall-emissjonijiet tas-CO₂, iżda tirrifletti l-ispiża għall-klima.
- B** Għandi nkun nista' nixtri **biljetti tal-ferrovija aktar affordabbli** biex l-ivvjaġġar bil-ferrovija jsir aktar attraenti.
- C** **L-Ewropa għandha tkun interkonnessa aħjar** bil-ferrovija u l-ferroviji bil-lejl fuq distanzi twal għandhom ikunu disponibbli faċilment. Għandu jkun faċli li nibbukkja biljetti tal-ferrovija kull fejn inkun fl-Ewropa.
- D** Min iħaddem u l-impjegati għandhom jiġu ppremjati talli **joffru u jagħżlu għażliet ta' trasport sostenibbli**.
- E** X'**soluzzjonijiet oħra** jiġuk f'moħħok?




Kuntest

Għalkemm xi vjaġġi fuq distanzi twal huma għax-xogħol, il-biċċa l-kbira huma għall-vaganzi u r-rikreazzjoni, u l-maġġoranza jsiru jew bl-ajruplan, bil-karozza, bil-ferrovija jew bix-xarabank.

L-ajruplani huma l-inqas għażla tajba għall-ambjent, u jiġġeneraw kważi 300 g ta' emissjonijiet ta' CO₂ għal kull passiġġier, kull kilometru. Xarabank temetti biss kwart minn dan. Il-ferrovija hija l-iktar għażla ekoloġika. Karozza żgħira mimlija passiġġieri tipproduċi tliet darbiet aktar emissjonijiet minn ferrovija.

Emissjonijiet ta' CO₂ mit-trasport tal-passiġġieri (g ta' CO₂ għal kull km ta' passiġġier)



Sors: Ir-Rapport TERM 2014 tal-EEA
eea.europa.eu/transport




Kif immorru minn post għall-ieħor: vjaġġi fuq distanzi twal



Ivvjaġġar bl-ajru

Is-sehem tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ġġenerati mill-ivvjaġġar bl-ajru huwa relattivament żgħir, ta' 14 % meta mqabbel ma' 72 % tal-emissjonijiet mit-trasport bit-triq. Madankollu, it-titjir huwa wieħed mis-sorsi ta' emissjonijiet li qed jikbru l-aktar malajr. L-UE għandha liġijiet fis-seħħ biex tnaqqas l-emissjonijiet iġġenerati mit-titjiriet fl-Ewropa, u qed taħdem ma' pajjiżi oħra biex tiżviluppa miżuri simili madwar id-dinja.

Il-proposti riċenti tal-Patt Ekoloġiku tal-Kummissjoni Ewropea jinkludu wkoll proposta biex jigħu aġġornati l-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-pitrolju użat għall-fjuwil tal-ajruplani.



Peress li titjiriet qosra jikkunsmaw aktar fjuwil għal kull passiġġier u għal kull kilometru minn titjiriet fuq distanzi twal (minħabba konsum għoli ta' fjuwil waqt it-tluġħ u l-inżul), kien hemm xi dibattitu pubbliku dwar jekk għandhomx jiġu pprojbiti t-titjiriet qosra. Pereżempju, il-parlament Franċiż reċentement approva projbizzjoni fuq rotot tal-linji tal-ajru li jkopru distanzi li jistgħu jiġu vjaġġati bil-ferrovija f'inqas minn sagħtejn u nofs. Madankollu, jista' jiġi argumentat li din il-projbizzjoni hija aktar simbolika milli effettiva, peress li se tnaqqas l-emissjonijiet mill-ajruplani b'inqas minn 1 %.

Biex jitnaqqas l-impatt li l-ivvjaġġar bl-ajru għandu fuq il-klima, huwa possibbli li "jiġu kkompensati" l-emissjonijiet ta' gassijiet serra kkawżati minn vjaġġ bl-ajruplan. Dan ifisser li tista' tikkalkula l-ammont ta' karbonju li jiġġenera l-vjaġġ tiegħek, u tħallas organizzazzjoni biex jew tnaqqas l-emissjonijiet xi mkien ieħor jew tħawwel aktar siġar. Madankollu, il-kritiċi tal-kompens tal-karbonju jgħidu li xorta waħda rridu noħolqu inqas karbonju fl-ewwel lok.

Skont l-Istħarriġ dwar il-Klima tal-Bank Ewropew tal-Investment, 62 % tal-Ewropej jappoġġjaw projbizzjoni fuq titjiriet qosra u 72 % ta' dawk li wiegħbu huma favur taxxa tal-karbonju fuq it-titjiriet.



Kif immorru minn post għall-ieħor: vjaġġi fuq distanzi twal



L-ivvjaġġar bil-ferrovija huwa **għażla b'emissjonijiet baxxi** għall-ivvjaġġar fuq distanzi itwal, speċjalment meta l-ferroviji jitħaddmu b'elettriku ekoloġiku.

L-ivvjaġġar bil-ferrovija jista' jsir aktar affordabbli jekk il-gvernijiet **jissussidjaw il-biljetti tal-ferrovij**, u jikkontribwixxu għall-ispejjeż operattivi biex jgħinu jbaxxu l-prezz għall-passiġġieri. Pereżempju, il-gvern Ġermaniż reċentement naqqas ir-rata tal-VAT fuq il-biljetti tal-ferrovija minn 19 % għal 7 % bħala parti mill-programm tiegħu għall-ħarsien tal-klima. B'riżultat ta' dan, il-prezzijiet tal-biljetti tal-ferrovija fuq distanzi twal naqsu b'10 %.

Ostaklu wieħed għall-vjaġġi bil-ferrovija fuq distanzi twal huwa d-differenza bejn in-networks ferrovjarji f'pajjiżi differenti; pereżempju, fl-elettrifikazzjoni u d-daqs (gauge) tal-binarij. Madankollu, hemm diversi ferroviji internazzjonali li joperaw fl-Ewropa, inkluż l-InterCityExpress, li jgħaqqad il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Belġju, Franza, id-Danimarka, l-Iżvizzera u l-Awstrija.

Is-servizzi ferrovjarji Ewropej ta' matul il-lejl qed jerġġu jingħataw il-ħajja wkoll biex jilqgħu għal ħtieġa dejjem tikber ta' vjaġġar sostenibbli. Sħubija bejn id-Deutsche Bahn (DB) tal-Ġermanja, Austrian Federal Railways (ÖBB), l-SNCF ta' Franza u Swiss Federal Railways (SBB) stabbilixxew linji ġodda ta' bilejl li jikkonnettjaw 13 mill-ikbar bliet Ewropej.


L-UE qed tistinka biex toħloq network madwar l-Ewropa kollha ta' linji ferrovjarji, toroq, passiġġi fuq l-ilma interni, rotot tat-tbaħħir marittimu, portijiet, ajruporti u stazzjonijiet ferrovjarji, magħruf bħala **n-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T)**. Huwa appoġġjat minn programm li għandu l-għan li jstabbilixxi Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju biex tissostitwixxi aktar minn 20 sistema ferrovjarja nazzjonali differenti, u se jgħin biex jinħoloq network ferrovjarju bla xkiel madwar l-Ewropa kollha.



Kif immorru minn post għall-ieħor: vjaġġi fuq distanzi twal



L-ivvjaġġar tal-impjegati huwa sors kbir ta' emissjonijiet tal-karbonju. Il-biċċa l-kbira tal-vjaġġi fuq xogħol isiru bl-ajru u bil-karozza – l-aktar żewġ għażliet ta' trasport li jniġġsu. Barra minn hekk, **l-impronti tas-CO₂ tal-biljetti tal-klassi tan-negozju u tal-prima klassi** li l-kumpaniji spiss jibbukkwaw huma minn tlieta sa erba' darbiet ogħla minn dawk fil-klassi ekonomika. In-numru ta' titjiriet meħuda mill-impjegati huwa wkoll ferm ogħla meta mqabbel ma' dawk meħuda mill-persuna medja li tmur vaganza.



L-ivvjaġġar mid-dar għax-xogħol huwa wieħed mir-raġunijiet ewlenin li n-nies jivvjaġġaw kuljum. Fil-Ġermanja, 27 % tad-distanza totali kollha li jivvjaġġaw in-nies hija għax-xogħol. Fil-Kroazja, dik il-figura hija ta' 47 %. Barra minn hekk, fil-Ġermanja, 68 % tal-ħaddiema jużaw il-karozza tagħhom biex imorru għax-xogħol. Qabbel dan ma' belt bħal Copenhagen – waħda mill-bliet l-aktar favur ir-roti fl-Ewropa – fejn madwar 40 % tal-vjaġġi ta' kuljum lejn ix-xogħol isiru bir-rota.

Miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju mill-ivvjaġġar fuq xogħol jinkludu **s-sostituzzjoni ta' laqgħat wiċċ imb wiċċ b'laqgħat virtwali**. Xi negozji qed jikkunsidraw ukoll **li jaqilbu għal modi ta' vjaġġar aktar ekoloġiċi** (eż., mill-ajru għall-ferrovija, jew minn karozzi individwali tal-kumpanija għal vetturi kondiviżi), kif ukoll **l-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tan-negozju** (pereżempju billi jissostitwixxu karozzi li jaħdmu bil-petrol jew bid-diżil b'vetturi elettriċi).



It-teleworking hu opzjon ieħor biex tnaqqas l-emissjonijiet, peress li fil-COVID-19 ħafna kumpaniji żiedu l-flessibbiltà tagħhom fir-rigward ta' xogħol mill-bogħod.



Kif immorru minn post għall-ieħor: vjaġġi fuq distanzi twal

Trid taqşam l-opinjoni tiegħek dwar il-politiki futuri tal-UE dwar il-klima ma' nies minn madwar l-Ewropa kollha?

- Ospita Parlament Pari u ssottometti r-riżultati fil-Patt Ewropew **dwar il-Klima**. Ir-riżultati kkombinati minn madwar l-Ewropa kollha ser ikunu xxerrjati mal-Ewropej li jfasslu l-politika.
- Aqşam ir-riżultati tal-Parlament Pari tiegħek fil-media soċjali, u uża l-hastags #EUClimatePact u #PeerParlaments.

Kif tixtieq tikkontribwixxi għal Ewropa newtrali għall-klima? Iddiskuti u involvi ruġek!

Kif tista' tikkontribwixxi għal Ewropa newtrali għall-klima



Imxi u suq ir-rota iktar

Ivvjaġġa bir-rota jew bil-mixi kull meta tista'.



Suq vetturi elettriċi

Ara li l-karozza li jmiss tiegħek tkun vettura b'emissjonijiet żero.



Tir inqas

Naqqas l-ivvjaġġar bl-ajru tiegħek biex tnaqqas l-impronta tal-karbonju tiegħek b'mod drammatiku.



Ikkompensa għall-emissjonijiet tal-karbonju tiegħek

jekk it-titjir ikun inevitabli.



Uża t-trasport pubbliku

minflok il-karozza tiegħek (jekk għandek waħda).

Trid tinżamm aġġornat dwar ir-riżultati tal-Peer Parliaments?

Interessat tospita Peer Parliament inti stess?

Żur is-sit web tal-Patt Ewropew dwar il-Klima u abbona għall-fuljett tagħna!